Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 24/2016

**Hilda Chetcuti**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

19 ta' Dicembru, 2017.

1. L-appellanti kienet tircievi l-ghajnuna socjali. L-appellat iddecieda li jwaqqaf dik l-ghajnuna u jitlob lura s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf tmien mija u tmienja u tmenin ewro u wiehed u tletin centezmu (€25,888.31), hlas li rceviet fil-perjodu bejn is-17 ta' Dicembru 2008 sat-22 ta' Novembru, 2013. Jirrizulta li wara rapport anonimu, kienet saret investigazzjoni mid-Dipartiment ghall-Frodi u Investigazzjonijiet dwar Beneficcji li f'rapport tat-2 ta' Novembru, 2011 kien ikkonkluda li fis-17 ta' Dicembru, 2008 l-appellanti bieghet il-fond Flat 11, Mick Apartments, Triq il-Hatab, Bugibba ghall-prezz ta' tnejn u disghajn elf u ghaxar ewro (€92,010). Ghalhekk kellha fil-pussess taghha somma li teccedi bil-bosta l-ammont li persuna wahedha jista' jkollha fil-pussess taghha skont l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318).

2. L-appellanti appellat mid-decizjoni tal-appellat. B'decizjoni tal-31 ta' Awissu, 2016 l-appellat cahad l-appell wara li osserva:

   *"Illi bir-rispett kollu l-arbitru qed jigi mitlub sabiex jiddikjara x'effettivament thallas lill-appellanta fuq il-kuntratt de quo sabiex jigi stabbilit jekk l-appellanta ghandhiex id-dritt jibbenifika mill-ghajnuna o meno.*

   *Illi gialadarba hemm kuntratt pubbliku validu (li sal-lum ma giex attakkat b'kawza l-Qorti mill-appellanta), l-arbitru huwa tal-fehma illi ma jistax jesprimi ruhu fuq il-mertu tal-kaz odjern u jidhol fir-retroxxeni ta' dan l-istess kuntratt sabiex jigi stabbilit x'effettivament thallas jew le lill-appellanta u dana iktar u iktar meta l-appellanta effettivament iddikjarat illi rceviet l-ammont ta' €92,010 fuq l-istess kuntratt pubbliku.*

   *Illi jista' jkun li l-allegazzjonijiet serji li saru mill-appellanta f'dan l-appell ghandhom mir-ragun pero' certament li l-arbitru m'ghandux il-poter jiddeciedi xi thallas u ma thallasx fuq dana l-kuntratt pubbliku fl-assenza ta' dikjarazzjoni definittiva tal-Qorti kompetenti f'dan ir-rigward.*

*Illi ghalhekk l-arbitru jichad l-appelli u jiddikjara li d-decizjonijiet appellati qed jigu kkonfermati in toto".*

3. L-appellanti appellat. Hi ssostni li kienet vittma ta' dak li ghamel zewgha mas-sieheb tieghu, iktar u iktar meta rceviet biss is-somma ta' €16,305.62. Illum il-gurnata m'ghandhiex dhul u qeghda tghix bil-ftit li jaghtuha l-familjari taghha.

4. B'kuntratt pubblikat fis-17 ta' Dicembru, 2008 l-appellanti bieghet lil Joseph u Carmela konjugi Fenech l-appartament numru 11, Mick Apartments, Triq il-Habab, Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar ghall-prezz ta' €92,010. Fil-kuntratt jinghad li l-prezz thallas fuq il-kuntratt.

5. L-appellanti xehedet li:

- Dakinhar tal-kuntratt ma rcevitx flus.
- Il-fond kellu jixtrih certu Philip Zammit pero' mbaghad xtrawh il-konjugi Fenech.
- Il-konjugi Fenech kellhom jiehdu xi flus minghand Zammit u martu.
- Eventwalment kienet irceviet is-somma ta' Lm7,000 minghand Zammit.
- Ghaldaqstant, Zammit ghandu jhallasha l-bilanc.

6. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

- L-appellanti kellha obbligu li tgharraf lill-appellat li kienet bieghet l-imsemmi fond.

- Fir-rikors tal-appell l-appellanti spjegat 'il fatti b'dan il-mod:

  *"Fis-17 ta' Dicembru 2008 l-esponenti kienet dehret li bieghet appartament numru 11 Micks Apartment, Triq il-Hatab, Bugibba u dan ghar-rikavat ta' Euro 92,010. Illi in effetti rrizulta li r-ragel tal-esponenti, li huwa separat minnha kellu negozju ta' self ta' flus ma' certu Philip Zammit u minhabba maniggi li huma ghamlu ma' terzi, il-flus marru kollha ghand terzi sabiex jissodisfaw dejn li kien ezistenti. Minn dana r-rikavat l-esponenti ma hadet xejn ghajr is-somma ta' Lm7,000 li bihom u flus ohra li harget omm l-appellanti, hija xtrat l-ghamara ta' fejn qed tghix bhalissa".*

- Philip Zammit u l-konjugi Fenech qatt ma xehedu quddiem l-Arbitru. Lanqas ma tressaq bhala xhud in-nutar Pierre Falzon, sabiex jixhed dwar l-iskrittura li saret bejn Salvatore Chetcuti u Philip Zammit bl-istess data bhal dik tal-kuntratt ta' bejgh. Dawn huma nuqqasijiet serji meta tikkunsidra li kienet l-appellanti li kellha taghti prova li kontestwalment mal-bejgh, iddisponiet mill-prezz.

- Ghalkemm l-appellanti qalet li Zammit hu debitur taghha, ma jirrizultax li pproponiet proceduri gudizzjarji kontra tieghu biex tirkupra dak li tghid li hu dovut lilha. Dan minkejja li n-negozju sar fis-sena 2008, cjoe' kwazi ghaxar snin ilu. Dan iktar u iktar meta fir-rikors tal-appell qalet li *"m'ghandha ebda dhul u litteralment hija qeghda tghix bin-naqra li jtuha l-familjari taghha"*. Mhuwiex verosimili li persuna fil-bzonn ser tibqa' tistenna dawk is-snin kollu u ma tihux passi bil-qorti biex tirkupra flusha.

- Filwaqt li l-appellanti qalet li Zammit hu d-debitur taghha, f'ittra li zewgha baghat lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali (datata 12 ta' Jannar, 2012), kiteb:

  *"(3) Ikkonvincejtha xorta wahda tbiegh il-flat ta' Bugibba minkejja li ma kinitx se jdahhal il-flus kollha minghand l-uniku xerrej li resaq, li offra l-kreditu tieghu ma' terzi fl-ammont ta' Lm28,000 bhala parti mill-prezz, u li* ***sal-lum Hilda ghadha ma rcevietx xejn minghandi*** *minn dawn il-flus tal-kostituzzjoni ta' debitu li jiena ffirmajt ma' Philip Zammit fis-17 ta' Dicembru, 2008"*.

  Verzjonijiet kontradittorji ghal xulxin. Joseph Chircop, ufficjal tad-Dipartiment, xehed li l-appellanti kienet qaltlu li, *"… tat €65,000 self lir-ragel, li diga' kienet isseparata minnu, biex ihallas xi djun li kellu u tat xi 9,000 lit-tfal…."*

- Jekk il-parti sostanzjali tal-prezz intuzat biex inghata self lil Zammit, probabbilment il-ftehim kien isir mal-appellanti u mhux ma' zewgha. L-uniku ftehim li gie pprezentat hi skrittura privata bejn Saviour Chetcuti u Philip Zammit.

- Il-kuntratt hu l-ahjar prova li mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt il-konvenuta rceviet il-flus.

- Dak li rrakontat l-appellanti, fir-rikors tal-appell, li zewgha kellu negozju ma' Philip Zammit, ma ssemmiex fid-deposizzjoni li tat quddiem l-Arbitru.

- Xehed ukoll Saviour Chetcuti, ir-ragel tal-appellanti. Fost'affarijiet ohra qal, *"…. meta ahna mbaghad eventwalment morna naghmlu l-kuntratt, ahna konna nafu illi l-kuntratt kien ser isir ma' dan Joseph Fenech u li Joseph Fenech ma kienx ser ighaddi l-flus u dan ghaliex Philip Zammit kien qalli illi jiena kont fhimt illi jew jaghtini flat u nbieghu jien jew inkellha jaghtini out right cash"*. L-appellanti ma kkonfermatx dan, u anzi taghti x'tifhem li ma kienet taf b'xejn. Fil-fatt xehedet li kienet giet infurmata li l-fond ser jinxtara minn Philip Zammit. Meta marret ghall-kuntratt ghand in-nutar

Pierre Falzon, kien hemm Zammit ma' martu. Kompliet, *"Nghid pero li wara li gie ffirmat il-kuntratt jien sirt naf illi dak li ffirmajt effettivament ma giex iffirmat ma' Philip Zammit u martu izda gie ffirmat ma' Joseph Fenech u Carmela Fenech"*. Verzjoni li ma taqbilx ma' dik li ta zewgha. Inoltre, il-qorti taraha difficli temmen li kien biss wara l-kuntratt li l-appellanti saret taf min effettivament kien xtara l-fond.

- Skont il-verzjoni li ta Saviour Chetcuti, il-konjugi Fenech ma hallsu xejn ghax-xiri tal-fond. Pero' hadd minnhom ma tressaq bhala xhud biex jikkonferma dik il-verzjoni.

7. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma tqiesx li hemm bazi ghall-ilment tar-rikorrenti. Il-verzjonijiet li nghataw mill-appellanti u zewgha m'huma konvincenti xejn. Hemm wisq dubji biex jippermetti lil min irid jiggudika biex jikkonklud li l-appellanti ma rcevietx flus dakinhar li bieghet il-fond. Dan apparti li l-appellanti naqset milli tressaq bhala xhieda lil konjugi Fenech, Zammit u n-nutar Falzon. Xhieda li setghu servew biex jikkoraboraw dak li qalet. Il-qorti ma tarax kif mill-ftit provi li ressqet l-appellanti, l-Arbitru seta' jiskarta dak li jingħad fil-kuntratt li wara kollox hi l-aħjar prova ta' dak li ġara. Jekk l-appellanti trid tikkontesta dak li hi stess iffirmat għalih f'att pubbliku, kien jispetta lilha li tikkontestah fi proċeduri ġudizzjarji.

8. Fic-cirkostanzi ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-Arbitru kellu jiskarta dak li l-appellanti kienet iddikjarat f'kuntratt pubbliku.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.